# Rakkont Eġizzjan

*Ta'* Fredu Nicholas

SEBĦET għodwa kiesħa ta' Jannar u f'wieħed minn dawk il-griebeġ maħmuġin fejn, f'xi nħawi tal-belt kbira u ewlenija ta' l-Affrika, il-Kajr — il-faqar isaltan, bil-ħruxija tiegħu kollha, kien għadu kif qam minn fuq mitraħ mixħut f'rokna, tfajjel ta' xi tnax-il sena.

Omar (dan kien l-isem tat-tfajjel) beda jħokk rasu u jmattar dirgħajh u riġlejh li kienu qishom mejtin bil-ksieħ li ġarrbu matul il-lejl. Qam kif sata' u resaq lejn mejda żgħira biex jara jekk fuqha kienx jista' jsib xi loqma li biha jitrejjaq u jtaffi xi ftit mill-ġuħ li kellu, iżda l-ħarsa miksura tiegħu waqgħet biss fuq mejda vojta. F'rokna ta' dik il-kamra, omm Omar, kienet mixħuta fuq mitraħ, safra u magħluba qisha xi ġisem mejjet li raġa' ħareġ minn qabru. L-imsejkna kellha l-marda tas-sider u għaliha l-ebda tama ma kien baqa'. Żewġha, raġel mitfugħ fl-agħar għadiet, meta kien idabbar xi ħaġa tal-flus, kien imur jaħliha fix-xorb irħis jew f'xi tipjipa tal-'ħaxix' u xejn ma kien iħabbel rasu għall-miżerja u l-mard li kellu f'daru.

F'dan l-ambjent kien qiegħed jitrabba' t-tfajjel Omar: fil-ħmieġ, fil-għera u fil-ġuħ. Mixħut fuq il-mitraħ jew fuq xi ħasira, kien joqgħod jaħseb x'kien jagħmel kieku jsib xi borża flus! Joħlom dejjem b'dawn il-ftajjar kien iġib quddiem moħħu, dgħajjef u marid bin-nuqqas ta' ikel, li kieku kien jistagħna kemm kien jimla' l-istonku tiegħu b'ikel tajjeb; kemm kien jorqod fuq sodda ratba u jiġri u jilgħab f'palazz li jibni ma' ġenb ix-xatt tan-Nil! Meta kien jilgħab mat-tfal kien dejjem iħewden li dawk kollha għad ikunu qaddejja tiegħu; lill-kbir fosthom, Ali, kien jagħmlu "maġġurdom", lil Aħmed, kap tal-kċina u lil Osman kuċċier; hu kien hekk medhi b'dan il-ħsieb li xejn ma kien jistmell li jgħid bih lil sħabu. Wieħed jista' jaħseb kif dawn l-egħfieret kienu jeħduh biċ-ċajt!

Darba, imdejjaq u mġewwaħ, iċ-ċkejken Omar telaq għal għonq it-triq waħdu. Meta ħareġ minn dak il-qasam tal-belt fejn kien il-gorboġ tagħhom, qasam magħmul minn triqat dojoq u mdaħħlin waħda fl-oħra, sab ruħu f'dik in-naħa tal-Kajr, li hija sabiħa u għanja daqs l-aqwa bliet ta' l-Ewropa jew ta' l-Amerika: *boulevards* twal u wesgħin, ħwienet kbar tal-modi,

bars, ċinematografi, u fuq kollox traffiku ta' motors, trammijiet, karozzini u popolazzjoni li tħosshom iġibulek il-mejt.

Omar beda miexi mal-folla jkaxkar riġlejh u bilkemm sata' jżomm fuqhom; iħares 'l hawn u 'l hinn bħal wieħed miblugħ u dejjem ihewden bit-teżor li għad jiġi f'idejh u li bih kien jista' jikseb dawk il-ħwejjeġ kollha li kienu għal qalbu. Fl-aħħar waqaf quddiem ħanut kbir tal-ħelu li fil-vetrina tiegħu kienu jidhru kull għamla ta' ħlewwiet mill-ifjen: pasti, torti, suflejiet, ċikkulata u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Ir-riħa li kienet ħierġa minn dak il-ħanut issuktat iddawwar ir-ras tat-tfajjel imġewwaħ. Baqa' jħares lejn il-vetrina u lejn dawk li kienu deħlin u ħerġin. Fost dawn ta' l-aħħar hu ra tfal ta' mparu ma' ommijiethom b'pasti f'idejhom u ċejċiet oħra. Dik id-dehra ssuktat tagħfaslu l-istonku tiegħu u għalhekk, bid-dmugħ ħiereġ minn għajnejh raġa' qabad il-mixja tiegħu mixtieq iktarx li tgħaffġu xi motor jew li jeħtieġlu jerġa' jidħol fil-gorboġ tagħhom.

Miexi bil-qajl u mħasseb, b'idejh marbuta fuq l-istonku tiegħu biex bħallikieku jtaffi xi ftit dak li kien qiegħed iħoss, Omar ma qalax għajnejh mill-art; donnu minn dak l-asfalt kien jistenna xi ħaġa, iżda fl-aħħar ħassu hekk għajjien li ħtieġlu jserraħ dahru mal-ħajt. Kif kien iħares 'l hawn u 'l hinn, għajnejh waqgħu fuq xi ħaġa ħamra li ma kinetx 'il bogħod minnu fl-art; mingħajr ma qagħad jaħsibha darbtejn, tbaxxa u ġabarha u liema kien il-ferħ u l-għaġeb tiegħu meta sab ħaġra ħamra magħmula bħal stilla sew bħal dawk li kien ra fil-vetrini tal-ħwienet li jbigħu l-ġawhar!

L-ħsieb tat-tfajjel malajr mar għal ommu, marida u mġewħa. "Issa l-imsejkna ommi ma tbatix iżjed għax meta nbiegħ din il-ħaġra nsiru għonja u nkun nista' nġibilha l-aħjar tobba..." hekk beda jhewden Omar x'ħin telaq b'ġirja waħda għad-dar tagħhom.

* * *

Wasal bla nifs, imbotta l-bieb u daħal. Hemm lemaħ 'l-ommu bil-qiegħda fuq il-mitraħ, b'idejha żżomm sidirha u tixgħol bħal waħda bla nifs. F'rokna oħra kien hemm ukoll missieru, bil-qiegħda fuq kaxxa, b'idejh marbuta jħares lejn is-saqaf.

Omar waqaf f'nofs il-kmajra u b'nifs maqtugħ beda jgħidilhom:

— "Araw x'sibt!... sirna għonja...!

— "X'għandek f'idek?" staqsih missieru.

— "Ġawhra li sibt fi triq kbira tal-belt"......

— "Ġibha 'l hawn"......

— "Le, dik jien sibtha......, dik tiegħi...... int tmur tbiegħha biex tisker......"

— "Għedtlek ġibha 'l hawn!......

— "Le!!"...... u kif ra lil missieru jqum għalih, dlonk telaq jiġri, iżda billi l-bieb kien maqful ma satax jaħrab u għalhekk baqa' jiżgiċċa minn hawn għal hinn fil-kamra. Meta l-missier ra li ma jistax jaqbdu, ħassu jifga f'demmu, qabad flixkun li kien fuq il-mejda u tefgħu lil ibnu. Dan, milqut f'rasu, waqa' fl-art imgħargħar fid-demm. Missieru ġera għal fuqu, tbaxxa u ħadlu minn idu l-istilla ħamra li kien qed iżomm — il-ġawhra li kienet ser teħlishom mill-faqar! Mimli bil-ferħ, ir-raġel xegħel sulfarina biex jista' jara aħjar it-teżor li kellu f'idu, iżda wara li ħares sewwa lejn dik il-ħaġra ħamra minn fommu ħarġet dagħwa li tkexkex għax f'idu ma kellux ħaġ'oħra għajr ġugarell minn dawk li jdendlu ma' għonq it-tfal iktarx biex iżommu l-għajn ħażina 'l bogħod minnhom!

Jaħlef u jhedded refa' lit-tfajjel u qiegħdu bil-qiegħda, imma meta ħares sewwa lejn wiċċu, għajjat għajta li twaħħax għax għaraf li dik id-daqqa ta' flixkun kienet qatlet lil ibnu.